MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 78/1997/1

**J. Lautier Co. Limited**

**v.**

**Alfred Cutajar**

**Il-Qorti:**

## I IS-SENTENZA APPELLATA

1. Alfred Cutajar (il-konvenut/l-appellant) qieghed jappella minn sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru 1998, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi. B'dik is-sentenza l-Qorti, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talba ta' J. Lautier Co. Limited (l-

attur/l-appellat) u ghalhekk ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija tmienja u erbghin centezmu (LM1,325.48c) ghas-saldu ta' bilanc ta' prezz ta' *aluminium* mibjugh u konsenjat lill-konvenut. Il-konvenut gie kkundannat ukoll li jhallas l-imghax legali mis-6 ta' Mejju 1996, data meta nghalaq il-kont, kif ukoll biex ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

2. Il-kompitu` principali li kellha l-ewwel Onorabbli Qorti kien li tizen sewwa l-provi kollha li ressqu l-kontendenti quddiemha, taghmel apprezzament ta' l-istess provi u tasal ghall-konkluzjonijiet taghha dwar il-pretensjoni tal-konvenut li d-dejn meritu tal-kawza ma kienx jghajjat lilu. Huwa opportun u xieraq ghalhekk li s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tigi riprodotta hawnhekk sabiex ikun jista' jigi stabbilit l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti:
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni prezentata fl-14 ta' Jannar 1997, li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin tmienja u erbghin centezmu (LM1,325.48) import ta' bejgh u fornitura ta' materjal konsistenti f'aluminium u oggetti affini, ordnati mill-istess konvenut, liema import jinsab illum dovut; illi nonostante li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' LM1,325.48 import ta' bejgh ta' fornitura ta' materjal konsistenti f'aluminium u oggetti affini, ordnati mill-istess konvenut, import li baqa' ma thallasx anke jekk dovut u dan bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, in vista ta' l-affidavit ta' Joseph Lautier.

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xiehda u d-dokument esebit mill-attur.

“Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Frar 1997, li permezz tieghu l-konvenut inghata l-fakolta` li jikkontesta t-talba attrici.

“Rat in-nota tal-konvenut prezentata fit-13 ta’ Frar 1997, li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi d-dejn allegat jirrizulta minn bejgh ta’ aluminium u oggetti affini lil Alfred Cutajar li, ghal habta ta’ April/Mejju 1995, kien xtara dawn il-materjali ghal ibnu, Ivan, li, bhal missieru, jahdem l-aluminium.

2. Illi meta’ s-socjeta` attrici harget l-invoice u l-istatements (Dok A) tad-dejn allegat dawn kellhom in-numru tal-VAT 11321920, liema numru jsejjah lill-istess Ivan Cutajar.

3. Illi ftit wara din it-transazzjoni, Ivan Cutajar kien kellem lil Joseph Lautier, managing Director tas-Socjeta` attrici u offrielu li d-dejn fuq imsemmi jigi mhallas b’kuntratt ta’ xoghol ta’ aluminium, liema kuntratt kien gie moghti lilu mill-kuntrattur principali tax-xogholijiet li kellhom isiru fil-kumpless turistiku The Galaxy, f’Tas-Sliema.

4. Illi l-arrangament propost kien li Ivan Cutajar kellu jaghmel ix-xoghol kollu marbut ma’ dan il-kuntratt f’isem is-socjeta` attrici (Dok B) li kienet imbaghad tibghat kont lil Galaxy Hotel.

5. Illi peress illi l-valur ta’ dawn ix-xogholijiet (LM1,735.33,8) kien oghla mid-dejn, l-eccess kellu jinghata lil Ivan Cutajar.

6. Illi Joseph Lautier accetta u qabel ma’ dan l-arrangament.

7. Illi x-xogholijiet fil-Galaxy saru.

8. Illi s-socjeta` attrici baghtet il-kont lill-istess lukanda Galaxy u thallset.

9. Illi d-differenza ta’ xi tlett mija u disghin lira (LM390) qatt ma thallsu mis-socjeta` attrici lill-konvenut jew lil ibnu.

“Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xiehda u d-dokumenti esebiti mill-konvenut.

“Rat in-nota ulterjuri tal-konvenut prezentata fit-18 ta’ Marzu 1997, fejn gie spejgat li s-sens ta’ l-eccezzjoni tieghu hu li “hu mhux il-legittimu kontradittur”.

“Semghet lill-kontendenti u x-xiehda minnhom prodotti u hadet ukoll konjizzjoni tad-dokumenti esebiti.

“Rat il-verbal ta’ l-udjenza tad-19 ta’ Gunju 1998, li permezz tieghu l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum bil-fakolta` ta’ noti lill-partijiet.

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attur.

“Ittrattat il-kawza.

“Ikkunsidrat:-

“F’dawn il-proceduri li gew istitwiti b’forma sommarja, l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat jhallsu s-somma ta’ LM1,325.48 rapprezentanti prezz ta’ materjal konsistenti f’aluminium mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut.

“In sostenn ta’ din il-pretensjoni l-attur mhux biss ipprezenta d-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mac-citazzjoni, izda fi stadju ulterjuri pprezenta kopji tad-diversi invoices u delivery notes iffirmati mill-istess konvenut li juru ezattament dak li kien qed jigi allegat fic-citazzjoni.

“Il-konvenut talab li jignhata l-fakolta` li jikkontesta t-talba attrici billi fl-udjenza tat-3 ta’ Frar 1997, xehed bil-gurament hekk:-

““Jien nikkonferma illi l-materjal in kwistjoni kont hadtu minghand l-attur pero` jiena kont hallastu.” U kompla

hekk "Il-pagament sar cirka sena u nofs ilu u sar b'cheque mahrug mis-socjeta` Galaxy li kellha taghti lili u minflok hallset lill-attur."

"Sa hawn il-linja ta' difiza mressqa mill-konvenut kienet "il-pagament". U gie spjegat li hu kien kreditur ta' socjeta` ohra "The Galaxy" u li din hallset lill-attur is-somma dovuta lill-konvenut u b'hekk inqata' d-debitu imsemmi fic-citazzjoni. F'dawn ic-cirkostanzi kien ghalhekk jinkombi lill-konvenut, li mix-xiehda tieghu kien irrikonoxxa l-obbligazzjoni tieghu naxxenti mill-imsemmija invoices, li jipprova li din l-obbligazzjoni giet ezawrita. Dan seta' jaghmlu bl-aktar mod facli billi jaghti prova tal-kreditu li huwa kellu kontra l-imsemmija socjeta` Galaxy u prova tal-pagament ta' l-imsemmi kreditu lis-socjeta` attrici. B'dan il-mod il-kwistjoni kienet tieqaf hawn.

"Izda fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut sposta kompletament il-linja tad-difiza tieghu inkwantu issa kien qed jallega li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur. Ghalhekk filwaqt li r-retroxena tal-kuntratt ossia debitu tal-Galaxy rega' gie konfermat, issa l-konvenut kien qed isostni li l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici ma kien qatt dovut minnu izda kien dovut minn ibnu billi kull akkwist li kien jaghmel minghand is-socjeta` attrici kien fl-interess u akkont ta' l-istess ibnu li kien jahdem xoghol ta' aluminium ghal rasu. Inoltre ssottometta l-konvenut li l-kuntratt tal-Galaxy kien ittiehed mill-istess ibnu u li kien sar ftehim bejn ibnu u s-socjeta` attrici li l-prezz ta' l-istess kuntratt jmur biex jiskonta d-debitu ezistenti.

"Dan l-argument gie kompletament rifjutat mill-attur li dejjem sostna li:-

a. id-dejn kien isejjah lill-konvenut.

b. il-kuntratt tal-Galaxy kien ittiehed mis-socjeta` attrici.

c. Il-materjal u spejjez ta' mano d'opera hargithom l-istess socjeta`.

**<u>“Legittimu kontradittur</u>**

“Il-kwistjoni ta’ min ghandu jirrispondi t-talbiet attrici hija wahda ta’ fatt. Il-provi prodotti mis-socjeta` attrici u senjatament l-invoices u delivery notes, kif ukoll estratt mil-“ledger” ta’ l-istess socjeta`, juru bic-car li r-relazzjoni kummercjali kienet limitatament bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut odjern. Infatti dawn kollha huma indirizzati lill-konvenut u minnu ffirmati. Inoltre, kif jidher mill-istess “ledger” sheet, u dan ma giex kkontestat mill-konvenut, huwa kien jaghmel diversi pagamenti fuq dan il-kont.

“Il-konvenut in difiza tat-tezi tieghu qal li huwa kien refa’ mix-xoghol hekk kif irtira mill-impieg tieghu regolari mal-Malta Dry Docks u li kien ghadda kollox lill ibnu. Din id-dikjarazzjoni tidher stramba billi wiehed kien jistenna li ma’ l-irtirar mill-impieg regolari l-konvenut kien jaghmel aktar enfazi fuq il-linja ta’ xoghol li qabel kien jaghmel “part time” semplicement billi kellu aktar hin. Din is-sottomissjoni tal-konvenut izda hija kontradetta mhux biss mill-istess dokumenti izda wkoll mix-xhud Roderick Vassallo li xehed b’mod kategoriku li huwa kien impjegat mal-konvenut u dan fiz-zmien meta l-istess konvenut kien rtira mill-impieg regolari tieghu.

“Irrizulta wkoll li iben il-konvenut cioe` Ivan Cutajar, kien gie impjegat mas-socjeta` attrici ghal habta ta’ April, 1995. Izda anke wara din id-data l-istess konvenut baqa’ jiehu merkanzija b’mod regolari u fi kwantitajiet rilevanti minghand l-istess socjeta` attrici. (Ara f’dan ir-rigward l-istatement Dok JLZ a fol. 96 tal-process). Wiehed hawn isaqsi jekk iben il-konvenut kien impjegat ma’ l-attur, kif seta’ dan tramite missieru jibqa’ jordna materjal biex jahdmu hu stess?

“Hemm imbaghad l-kwistjoni tan-numru tal-VAT. Infatti l-konvenut irrileva li dan in-numru li jirrizulta f’diversi invoices mhux tieghu izda ta’ ibnu Ivan. Dan effettivament huwa minnu izda fil-fehma ta’ din il-Qorti bl-ebda mod ma jbiddel is-sitwazzjoni. Ir-relazzjonijiet kuntrattwali ta’ bejn il-kontendenti ma jitwildux min-numru ta’ VAT izda mill-fatt tal-bejgh u akkwist ta’ merkanzija. Il-VAT number gie

mitlub mis-socjeta` attrici wara li din is-sistema ta' tassazzjoni kienet giet introdotta. Din l-istess socjeta` ma kellha ebda kontroll jew mod ta' verifika fuq in-numru li jigi suplit lilha. Wara kollox l-uzu tan-numru tal-VAT jibbenefika lill-kompratur billi dan jista' jitlob dawk ir-'refunds' li setghu kienu dovuti. Jekk ghal xi raguni li jaf biha biss il-konvenut, billi ma nghatat ebda spjegazzjoni valida ghaliex sar hekk, gie suplit in-numru ta' Ivan u mhux tal-missier – il-konvenut – dan irid jaraha mad-dipartiment koncernat.

**<u>"Il-kuntratt tal-Galaxy</u>**

"Irrispettivament mill-kwistjoni ta' min hu l-legittimu kontradittur din il-Qorti ghandha wkoll tindirizza l-kwistjoni tal-kuntratt tal-Galaxy billi tista' tkun rilevanti u tinfluwixxi fuq l-ezitu finali tat-talba attrici.

"Qed jinghad mill-konvenut u f'dan huwa sostnut minn ibnu Ivan li l-Galaxy Hotel kienet tat l-appalt ghal xi xoghol ta' aluminium lil Ivan Cutajar u li dan ix-xoghol sar minnu u li wara bi ftehim mas-socjeta` attrici, l-ammont dovut ghal dan ix-xoghol thallas lill-attur ghas-saldu tal-kreditu pretiz. Anzi qed jigi reklamat ammont li thallas in eccess.

"Din is-sottomissjoni ta' fatt mhux sorretta mill-provi.

"Infatt:-

1. L-istima ghax-xogholijiet li giet sottomessa lil Galaxy saret fuq "letterhead" tas-socjeta` attrici. Il-"confirmation of order" ta' l-istess kumpanija The Galaxy Hotel giet indirizzata lis-socjeta` J. Lautier Co. Ltd.

2. Fid-data li saret l-istima ghal Galaxy (Dok FB1 fol. 49) u fid-data tal-konferma ta' l-ordni (Dok B fol. 16) Ivan Cutajar kien impjegat mas-socjeta` attrici. Infatti dan kien qieghed jirraprezenta lis-socjeta` attrici fuq l-istand fil-fiera specjalizzata li kienet inzammet. Dan jirrizulta mid-diversi stimi li saru u gew iffirmati mill-istess Ivan Cutajar fil-perjodu tal-fiera. (ara dokumenti annessi man-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur).

3. L-istess General Manager tal-Galaxy Martin Farrugia jirrikonoxxi lis-socjeta` attrici bhala l-appaltatur. L-intervent ta' Ivan Cutajar fin-negozju dejjem kien konsiderat bhala li qed jagixxi ghan-nom ta' l-istess socjeta`.

**"Materjal u spejjez ghal Galaxy**

"Joseph Lautier u bintu Lourdes, li kienet tiehu hsieb l-amministrazzjoni, korrispondenza u fatturar tas-socjeta` attrici, jikkonfemaw li l-materjal relattiv ghall-kuntratt tal-Galaxy kif ukoll l-ispejjez kollha konnessi mal-hlas tal-pagi ghal manifattura u tqeghid tax-xoghol, gew kollha sopportati mis-socjeta` attrici.

"La l-konvenut u lanqas ibnu ma wrew jew allegaw li huma kienu hallsu ghal dan l-ispejjez. Gie allegat biss li l-materjal li ttiehed intuza ghal dan il-kuntratt izda ma tressqet ebda prova konkreta in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Jekk fil-perjodu in kwistjoni u cioe` meta sar dan ix-xoghol Ivan Cutajar kien impjegat mas-socjeta` attrici, fatt mhux kontradett minnu, din il-Qorti ma tistax tifhem kif hallas ghal materjal u ghal pagi, ghal xoghol li kien qed isir ghal haddiehor.

"Illi jigi rilevat li l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici jirraprezenta l-bilanc ta' diversi partiti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq firxa ta' perjodu twil. Mill-kont dettaljat Dok JLZ fol. 96 ma jirrizultax li fil-perjodu meta ttiehed ix-xoghol tal-Galaxy saret xi ordni kbira mill-konvenut li tiggustifika dak li qed jghid il-konvenut.

"Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' legittimu kontradittur sollevata mill-konvenut, tichad ukoll l-allegazzjoni li l-kreditu pretiz gie ezawrti b'xi pagament maghmul minn terza persuna u billi mill-provi prodotti jirrizulta l-ammont reklamat huwa dovut, tilqa' t-talba attrici u konsegwentment tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin tmienja u erbghin centezmu (LM1,325.48) ghas-saldu ta' bilanc ta' prezz ta' aluminium

mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut, bl-imghax legali mis-6 ta' Mejju 1996, u cioe` d-data meta nghalaq l-kont.

"Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut."

## II  L-APPELL

3. Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'rikors ta' appell ipprezentat fit-23 ta' Ottubru, 1998. L-appellant spjega l-aggravju tieghu, fi kliemu stess hekk:
"Illi l-esponent qieghed jibbaza dan l-umili appell fuq il-kontenzjoni bazilari illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur.

"Illi l-fatti saljenti illi jikkostitwixxu l-isfond ghall-kawza odjerna illi l-esponent kien imur jixtri materjal affini ghax-xoghol ta' aluminium minghand is-socjeta` attrici. Huwa kien imur jixtri dan il-materjal ghan-nom ta' ibnu Ivan Cutajar illi kien jiggestixxi negozju ta' manifattura ta' aluminium. Qatt ma xtara dan il-materjal ghalih fih innifsu. L-esponent kien irtirat u mhux attiv fix-xoghol ghajr li kien jghin xi ftit lil ibnu Ivan Cutajar principalment billi kien jaghmillu certi qadjiet fuq barra, fosthom li jmur jixtrilu l-affarijiet li jkollu bzonn. Is-socjeta` attrici kienet taf b'dan il-fatt. Di fatti, anke fuq il-fatturi li s-socjeta` attrici harget fuq isem il-konvenut appellant Alfred Cutajar u li a bazi taghhom ippromoriet ic-citazzjoni taghha, is-socjeta` attrici kienet tnizzel n-numru fiskali tal-VAT ta' Ivan Cutajar. Oltre dan, jirrizulta b'mod car u manifest mill-provi prodotti illi s-socjeta` attrici kienet taf, dan bla ebda ombra ta' dubju, illi kien Ivan Cutajar u mhux Alfred Cutajar illi kien jiggestixxi n-negozju tal-manifattura ta' aluminium u kienet taf ukoll bla ebda ombra ta' dubju illi kien ghan-negozju ta' Ivan Cutajar illi l-esponent kien imur jixtri xi materjal minghand is-socjeta` attrici. Di fatti jirrizulta anke mill-provi, ghalkemm id-direttur tas-socjeta` attrici jichdu dan, illi kienet tezisti forma ta' assocazzjoni benche` mhux kjarament definita s-socjeta` attrici u Ivan Cutajar, li proprju kellu d-ditta ta' l-aluminium, u mhux ma' Alfred Cutajar li kien irtirat u ma jahdimx hlief li jghin lil ibnu Ivan Cutajar b'xi qadjiet zghar.

“Illi dan kollu jirrizulta minn studju ta’ xiehda moghtija:

“<u>Alfred Cutajar</u> (a fol. 27) itenni illi l-materjal kien xtrah ghal ibnu Ivan Cutajar, illi huwa kien semplicement jghin lill-ibnu Ivan Cutajar u li n-negozju kien f’idejn l-istess Ivan Cutajar;

“A fol. 28 jikkonferma wkoll illi l-fatturi hargu fuq il-VAT number ta’ Ivan Cutajar. Dan il-fatt ukoll gie ampjament ippruvat. Jghid ukoll a fol. 30 illi l-materjal kollu li kien inxtara minghand is-socjeta` attrici, kien imur jigbru l-esponent Alfred Cutajar kif ukoll meta kien imur jigbru Ivan Cutajar, ma kienx jithallas mill-ewwel izda kien jitpogga kollu fuq kont wiehed, il-kont ta’ Ivan Cutajar.

“<u>Ivan Cutajar</u> (a fol. 34) ukoll itenni li n-negozju kien hadu f’idejh minghand missieru, li s-socjeta` attrici kienet taf b’dan u li anke kien taha l-VAT mhux tieghu stess, u cioe` ta’ Ivan Cutajar, biex jitnizzel fuq il-fatturi u l-‘invoices’ kollha ta’ meta kien jinxtara materjal, minn min imur jigbru. A fol. 35 sostna wkoll illi s-socjeta` attrici kienet baghtet ittra lil kull klijent meta dahlet is-sistema tal-VAT biex jigu indikat il-VAT number, u Ivan Cutajar wiegeb ghal din l-ittra u indikalhom il-VAT number tieghu. Isegwi li ebda ittra ma ntbaghtet u ebda risposta ma saret mill-esponent Alfred Cutajar u proprju ghal dan kien irtirat u ma kienx ghadu jinnegozja. Ikkonferma wkoll a fol. 36 illi l-esponent Alfred Cutajar, missieru, kien semplicement jghinu billi jmur jixtrilu dawn l-affarijiet minghand is-socjeta` attrici.

“Lourdes Lautier, li tiehu hsieb l-accounts tas-socjeta` attrici, fl-affidavit taghha a fol. 61 issostni li meta giet introdotta s-sistema tal-VAT kienet kitbet lil Alfred Cutajar u li kien Alfred Cutajar li wiegeb ghal din l-ittra u indika l-VAT number. Din ix-xiehda hija opposta ghal dik moghtija minn Alfred Cutajar u Ivan Cutajar. Huwa ferm stran u kurjuz il-fatt illi filwaqt illi sabet il-hin u l-energija biex tannetti xejn anqas minn <u>97</u> dokument ma’ l-affidavit taghha, l-istess Lourdes Lautier mart Joseph Lautier, (id-direttur tas-socjeta` attrici illi tant itraballa fix-xiehda tieghu moghtija ‘viva voce’ in kontro-ezami u mhux bil-kumdita` ta’ l-affidavit) ma sabitx il-hin u l-energija biex tannetti

dawn iz-zewg semplici ittri fuq imsemmija. Dan il-fattur huwa indikattiv fil-fatt illi mhux veru li lil Alfred Cutajar intbaghtet l-ittra biex huwa jikkwota l-VAT mhux tieghu; mhux veru li Alfred Cutajar wiegeb ghal din l-ittra u indika l-VAT mhux tieghu; Alfred Cutajar ma ghandu l-ebda VAT number; l-ittra ghaddew bejn is-socjeta` attrici u Ivan Cutajar. Huwa Ivan Cutajar il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u mhux l-esponent Alfred Cutajar.

"L-esponent isostni bir-rispett kollu illi l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel apprezzament ezegetiku tal-fatti li kellha quddiem in rigward ta' l-eccezzjoni sollevata mill-umili appellant fis-sens illi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur. Huwa izjed minn possibbli illi l-ewwel Onorabbli Qorti giet zgwidata mill-kwistjoni l-ohra illi dahlet f'din il-kawza u cioe` l-kwistjoni dwar jekk l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici kienx gie pacut minn xoghol illi ghand Ivan Cutajar fl-appalt tal-Lukanda 'Galaxy'. Kienet sfortuna illi din il-kwistjoni spiccat biex attirat fuqha l-attenzjoni principali meta in realta` il-konsiderazzjoni guridika bazilari illi di fatti kellha ssir kienet wahda u unika – min kien il-legittimu kontradittur: Alfred Cutajar jew Ivan Cutajar? L-appellant jissottometti umilment u bir-rispett kollu illi ghal dan il-kwizit kif jirrizulta minn ezami abbazi tax-xiehda u dokumenti tezisti risposta wahda u semplici; Il-legittimu kontradittur kien Ivan Cutajar u mhux l-appellant."

4. L-appellant qieghed jitlob li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u takkolji l-eccezzjoni moghtija minnu fis-sens illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur u dan bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

5. Is-socjeta` appellata J. Lautier Co. Limited ikkontestat l-appell b'risposta pprezentata fl-4 ta' Novembru, 1998. Fiha hija sostniet li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u konsegwentment l-appell interpost kellu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi. Is-socjeta` appellata gabet ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti s-

segwenti ragunijiet ghaliex l-appell intavolat mill-appellant kellu jigi michud minn din il-Qorti:
“1. L-ewwel Qorti rrilevat kif il-kovenut appellant biddel il-linja ta’ difiza tieghu minn wahda orignarjament ta’ pagament ghall-ohra li kienet tghid illi hu ma kienx il-legittimu kontradittur. L-ewwel Qorti wara li ezaminat il-provi stqarret illi deher pruvat illi kien Alfred Cutajar li kien xtara l-materjal in kwistjoni f’mument meta ibnu Ivan Cutajar kien impjegat mis-socjeta` attrici. L-ewwel Qorti quddiem tali fatti gustament staqsiet kif Ivan Cutajar – skond il-konvenut il-legittimu kontradittur – baqa’ jordna materjal minghand is-socjeta` attrici biex jahdmu hu stess meta huwa kien effettivament qieghed jahdem mas-socjeta` attrici.

“2. Dwar il-kwistjoni tan-numru tal-VAT l-ewwel Qorti gustament stqarret illi r-relazzjonijiet kuntrattwali ta’ bejn il-kontendenti ma twildux min-numru tal-VAT izda mill-bejgh u akkwist ta’ merkanzija. L-uzu tal-VAT jibbenefika lill-kompratur billi kien jintitolah jitlob “refunds”. Il-fatt li gie supplit mill-konvenut in-numru tal-VAT ta’ ibnu ma jvarjax ir-relazzjoni kuntrattwali.

“3. Dwar il-kuntratt tal-Galaxy l-osservazzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti huma f’waqthom u indirizzaw b’ezattezza l-interpretazzjoni vera u korretta tal-fatti provati. L-ewwel Qorti osservat illi l-istima ghax-xogholijiet fil-Galaxy saret fuq karta intestata tas-socjeta` attrici. Il-konferma ta’ l-ordni giet indirizzata lis-socjeta` attrici. Fid-data li saret l-istima u fid-data tal-konferma ta’ l-ordni Ivan Cutajar kien impjegat mas-socjeta` attrici. Il-General Manager tas-socjeta` Galaxy jirrikonoxxi lis-socjeta` attrici bhala l-appaltatur.

“4. Dwar il-materjal uzat u l-ispejjez inkorsi fil-kuntratt tal-Galaxy, l-ewwel Onorabbli Qorti kkonstatat illi l-materjal relattiv ghall-kuntratt tal-Galaxy kif ukoll l-ispejjez kollha konnessi mal-hlas tal-pagi tal-manifattura u tqeghid tax-xoghol gew soporati mis-socjeta` attrici. F’ebda hin ma giet prodotta l-icken hjiel ta’ prova mill-konvenut li turi diversament. Minbarra dan in-nuqqas l-ewwel Qorti osservat illi ma setghetx tifhem kif Ivan Cutajar seta’

versosimilment hallas ghall-materjal u ghall-pagi ghal xoghol li kien qieghed isir ghal terzi meta huwa kien impjegat mas-socjeta` attrici. U fuq kollox kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fil-mument li kien qieghed isir ix-xoghol ghall-Galaxy ma jirrizultax illi l-konvenut kien ha xi ordni ta’ materjal minghand is-socjeta` attrici li tiggustifika dak li allega l-konvenut u cioe` illi hallas ghall-materjal u ghall-pagi ghax-xoghol tal-Galaxy.”

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

6. F’din il-kawza l-attur qieghed ifittex lill-konvenut ghall-hlas tal-kreditu msemmi fic-citazzjoni, bilanc ta’ prezz ta’ materjal fornit u kkonsenjat lilu. Il-kawza bdiet bil-procedura sommarja specjali. L-ewwel Onorabbli Qorti hadet ix-xiehda tal-konvenut fis-seduta tat-3 ta’ Frar 1997, u fuq il-bazi ta’ dik ix-xiehda tatu l-fakolta` li jikkontesta t-talba ta’ l-attur. Dakinhar il-konvenut xehed hekk:
“Jiena nikkonferma illi l-materjal in kwistjoni kont hadtu minghand Lautier pero` jien kont hallastu. Il-pagament sar cirka sena u nofs ilu u sar b’cekk mahrug mis-socjeta` Galaxy li kellha taghti lili u minflok hallset lill-attur.”

Fi kliem iehor il-konvenut kien qieghed jeccepixxi l-pagament, liema pagament kien sar minn terza persuna biex taqta’ d-dejn tieghu.

7. Meta gie biex jikkontesta l-kawza, il-konvenut ipprezenta Nota ta’ Eccezzjonijiet, li tinsab a fol. 13 tal-process, li evidentement saret f’forma pjuttost innovattiva jekk mhux ukoll irritwali. Aktar tard a fol. 24 tal-process il-kovenut iddikjara permezz ta’ nota “li s-sens kristalizzat ta’ l-eccezzjonijiet tieghu hu li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur, hekk kif ser jirrizulta mix-xhieda”.

8. Jirrizulta li l-ewwel Qorti gabret il-provi kollha li ressqulha l-partijiet u ghandu jigi senjalat li dawn il-provi kollha tista’ tghid semghethom hija stess mill-pedana tax-xhieda. Isegwi allura li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet f’posizzjoni ottima biex tosserva l-komportament tax-xhieda waqt li kienu qeghdin jixhdu, fattur dan li jghin immensament biex wiehed jaghmel apprezzament gust u

tajjeb tal-provi meta l-kwistjoni tkun tirrisolvi ruhha essenzjalment f'wahda ta' apprezzament dwar il-kredibilita` tax-xhieda.

9. Jirrizulta li l-ewwel Qorti skartat kompletament it-tezi tal-konvenut u minflok laqghet it-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta. Id-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti kienet principalment tinvolvi narrazzjoni tal-provi l-aktar saljenti li tressqu quddiemha, kif ukoll l-apprezzament dwarhom li ghamlet l-ewwel Qorti u li wassalha biex tiskarta kompletament it-tezi tal-konvenut.

10. L-aggravju li qieghed iressaq l-appellant quddiem din il-Qorti fil-konfront tas-sentenza appellata huwa bazikament li l-ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament korrett tal-fatti li kellha quddiemha fir-rigward ta' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut fis-sens illi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur. Qieghed jallega li huwa izjed minn possibbli li l-ewwel Qorti giet zgwidata mill-kwistjoni l-ohra illi dahlet f'din il-kawza u cioe` jekk l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici kienx gie pacut minn xoghol illi ghamel iben il-konvenut, Ivan Cutajar, fl-appalt tal-Lukanda Galaxy. L-appellant jallega li kienet sfortuna li din il-kwistjoni spiccat biex attirat fuqha l-attenzjoni principali meta in realta` l-konsiderazzjoni guridika bazilari fil-kawza kienet wahda u cioe` r-risposta ghall-kwezit min kien il-legittimu kontradittur: il-konvenut Alfred Cutajar jew ibnu Ivan Cutajar? Fl-appell tieghu l-appellant qieghed isostni li r-risposta ghal dan il-kwezit hija wahda semplici u cioe` li l-legittimu kontradittur tad-debitu meritu tal-kawza kien Ivan Cutajar u mhux il-konvenut appellant.

11. Jidher car ghalhekk li l-appell odjern jirriduci ruhu fir-realta` ghal apprezzament mill-gdid tal-provi li ngiebu quddiem l-ewwel Qorti. Huwa principju stabbilit ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun gie maghmul mill-ewwel Qorti. Jekk meta din il-Qorti tezamina akkuratament il-process u l-provi akkwiziti fih, ikun jidhrilha li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun gie maghmul minn dik il-

Qorti. Din il-Qorti tintervjeni biex tiddisturba l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel Qorti fil-kaz biss li tkun tal-fehma li dak l-apprezzament huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun sejra ssir ingustizzja manifesta lejn xi parti fil-kawza.

12. Il-konvenut appellant jammetti li l-materjal mibjugh mis-socjeta` attrici xtrah u rcevieh huwa stess. Madanakollu qieghed jinsisti li dan ix-xiri huwa ghamlu, mhux ghan-nom tieghu personalment, izda ghan-nom ta' ibnu Ivan Cutajar. Evidentement din l-allegazzjoni tal-konvenut tinhtieg li tigi pruvata ghaliex huwa principju tal-ligi procedurali li min jallega ghandu fuqu r-responsabbilita` u l-kompitu` li jaghmel prova sodisfacenti ta' dak li jkun qieghed jallega. Zewg massimi latini jiddistillaw dan il-principju hekk: *onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat,* kif ukoll: *reus excipiendo fit actor.*

13. Huwa risaput illi prova bhal dik li qieghed jipprova jaghmel il-konvenut f'din il-kawza mhix xi wahda mill-aktar facli. Dan qed jinghad ghax hija haga minn ewl id-dinja li normalment persuna tikkontratta ghaliha nfisha, sakemm ma tindikax li qeghda tikkontratta f'isem haddiehor, jew, jekk dan ma jigix indikat espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragjonevolment tenut li jkun jaf illi l-parti l-ohra qeghda tikkontratta f'isem haddiehor.

14. Principju iehor li huwa relevanti ghal decizjoni gusta ta' din il-kawza huwa li l-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong, Mandato Nru. 50 citat fis-sentenza riportata fil-Kollezzjoni tad-Decizjonijiet Vol. XLII – II – pagna 203). Principju sagrosant iehor tal-ligi kontrattwali huwa dak li kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita b'bona fede.

15. Din il-Qorti ezaminat minizjozament u akkuratament il-provi kollha li ressqu l-kontendenti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, s'intendi fid-dawl tal-principji appena senjalati. Din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel

Onorabbli Qorti mhux biss setghet legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha f'din il-kawza, izda jidher car ghal din il-Qorti li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ohra hlief dik li waslet ghaliha fis-sentenza appellata u cioe` li d-debitu pretiz mis-socjeta` attrici jghajjat lill-konvenut appellant u huwa dovut minnu lis-socjeta` attrici.

16. Din il-Qorti ma thossx in-necessita` li terga' tirrepeti l-provi l-aktar saljenti li nstemghu mill-ewwel Onorabbli Qorti. Dan l-ezercizzju sar b'mod korrett u tajjeb minn dik il-Qorti, u, kif diga` ntqal, din il-Qorti taqbel ma' l-apprezzament li dik il-Qorti ghamlet ta' dawn l-istess provi. Tillimita ruhha ghas-segwenti osservazzjonijiet:
1. Fil-process hemm esebit *statement* dettaljat kif ukoll numru konsiderevoli ta' *inovices* li jissostanzjaw is-somma pretiza mis-socjeta` attrici fl-att tac-citazzjoni. Dawn id-dokumenti kollha huma intestati f'isem il-konvenut Alfred Cutajar u hafna minnhom fihom fuqhom il-firma tieghu stess bhala prova li huwa kien ha x-xoghol muri fl-istess *invoice*. Dawn id-dokumenti huma mifruxa fuq diversi xhur u ghalhekk jekk kien fihom xi zball ghal dik li hija intestatura, kif qieghed jallega l-appellant billi huwa qieghed jghid illi dan id-debitu mhuwiex tieghu izda ta' ibnu Ivan Cutajr, kien hemm zmien bizzejjed ghalih biex jittendi bl-istess zball u jigbed l-attenzjoni tas-socjeta` attrici ghalih.

2. L-appellant mhux biss ma ppruvax izda lanqas biss allega li huwa kien avza lis-socjeta` attrici li dak ix-xoghol kien qed jiehdu ghan-nom u in rapprezentanza ta' ibnu. Enfasizza hafna l-fatt li huwa kien ta lis-socjeta` attrici l-VAT Number ta' ibnu Ivan Cutajar. Effettivament dan il-VAT Number jidher fid-dokumenti tas-socjeta` attrici pero` f'dawk id-dokumenti mhuwiex abbinat ma ebda isem specifiku wisq inqas ma' dak ta' Ivan Cutajar. Kif sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti, is-socjeta` attrici ma kellha l-ebda kontroll jew mod ta' verifika fuq in-numru tal-VAT li jigi supplit lilha. Jirrizulta li l-konvenut appellant ma kellux VAT Number u ghalhekk jista' jaghti l-kaz li huwa nqeda bil-VAT Number ta' ibnu ghax forsi haseb li b'hekk seta' jitlob ir-refunds li setghu kienu dovuti. Kif sewwa qalet l-

ewwel Qorti r-relazzjonijet kontrattwali bejn il-kontendenti ma jitwieldux min-numru tal-VAT izda mill-fatt tal-bejgh u ta’ l-akkwist tal-merkanzija.

3. Irrizulta li l-konvenut ma wiegeb xejn ghall-ittri interpellatorji indirizzati lilu mis-socjeta` attrici kif lanqas wiegeb ghall-ittra ufficjali li din is-socjeta` baghtitlu in konnessjoni ma’ dan id-dejn. Kieku verament dan id-dejn ma kienx tieghu izda kien ta’ ibnu l-probabbilita` hija li huwa kien jaghmel hiltu biex igib dan il-fatt a konjizzjoni tas-socjeta` attrici fi zmien tempestiv u opportun. L-ispjegazzjoni li ta ghan-nuqqas tieghu li jwiegeb ghal dawn l-ittri interpellatorji u li tinsab fix-xiehda li huwa ta fis-seduta tal-21 ta’ Marzu 1997, ma hija konvincenti assolutament xejn.

4. L-argumenti kollha migjuba ’l quddiem fir-rikors ta’ l-appell bhala spjegazzjoni ghall-aggravju tieghu, similment ma huma konvincenti xejn. Jidher ukoll li dawn l-argumenti gew essenzjalment ribattuti fir-risposta tas-socjeta` appellata.

17. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kollha kemm hi u tordna li l-konvenut ihallas ukoll l-ispejjez kollha tal-prezenti istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------